# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta' Ġunju 2019**

**Rikors Numru 925/15 FDP**

Fl-ismijiet

**Avv. Dr Nicholas Valenzia bħala mandatarju speċjali ta' Fly Aviation Services DMCC, soċjeta' estera reġistrata d-Dubai, UAE, b'numru ta' reġistrazzjoni JLT 4147**

**vs**

**L-Avukat Dottor Pio M. Valletta bħala kuratur in rappreżentanza tal-kumpanija estera Executive Authority for Special Flights, ġia' magħrufa bħala EACS - Executive Authority for Air Cargo Services and Special Flights ta' Tripoli International Airport, EastGate, Tripoli, Libja,**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 30 ta' Settembru 2015, li permezz tiegħu r-rikorrenti *nomine* talab is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrenti Fly Aviation Services DMCC hija kumpanija reġistrata fid-Dubai, UAE li tipprovdi internazzjonalment diversi servizzi fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u servizzi oħrajn relatati.*

    2. *Illi għal diversi snin il-kumpanija rikorrenti pprestat servizzi varji lis-soċjeta' intimata EACS - Executive Authority for Air Cargo and Special Flights li llum hija magħrufa bħala Executive Authority for Special Flights (minn hawn 'il quddiem 'EACS') u/jew lill-ajruplani li tagħhom EACS kienet is-sid jew l-operatriċi fosthom l-ajruplani Bombardier 5A - UAB u 5A - UAC li*

*preżentament jinsabu arrestati f'Malta. Ir-rikorrenti anke inkorriet spejjeż fuq talba tal-istess intimata;*

3. *Illi kif se jintwera fil-mori tal-proċeduri, kien hemm żmien meta l-kumpanija intimata kienet tħallas lill-attriċi regolarment għas-servizzi mogħtija lilha, iżda mbagħad waqfet tagħmel dan, b'dan li l-intimata hija preżentament debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' żewġ miljuni, tlett mija u sebgħa u sittin elf, sitt mija u tlieta u tmenin Euro u tmien ċenteżmi [€2,367,683.08] konsistenti f'ammonti dovuti lir-rikorrenti bħala prezz ta' bosta servizzi mogħtija mir-rikorrent, u jinkludu ħlasijiet dovuti għal servizzi ta' flight coordination, aġenzija, chartering, handling charges, air navigation charges, spejjeż u drittijiet imħallsa lil terzi, provvista ta' fuel u akkomodazzjoni fost l-oħrajn.*

4. *Illi għal kull buon fini jingħad illi s-somma msemmija ta' żewġ miljuni, tlett mija u sebgħa u sittin elf, sitt mija u tlieta u tmenin Euro u tmien ċenteżmi [€2,367,683.08] tirreferi għal żewġ kontijiet li l-intimata kellha miftuħin mar-rikorrenti, kif jidher mill-istatements annessi bħala FA1 u FA2. Għal kull buon fini jingħad ukoll illi s-somma mitluba tinkludi imgħaxijiet ta' ħamsa fil-mija [5%] fis-sena, li kienet ir-rata pattwita bejn il-partijiet, mid-data ta' kull fattura, sad-data tal-istess statements. F'dan ir- rigward, l-esponenti umilment tirriserva illi tippreżenta prospetti iżjed dettaljati u/jew fatturi individwali jekk ikun il-każ;*

5. *Illi l-intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammonti minnha dovuti iżda, għalkemm sa llum l-ammonti dovuti qatt ma ġew ikkontestati, l-ammont mitlub għadu pendenti.*

6. *Illi għal kull buon fini l-esponenti tirrileva illi hija ikkawtelat il-pretensjoni tagħha bil-mandat f'arrest ta' inġenji tal-ajru in kawtela ta' dejn jew pretensjoni oħra li jammonta għal mhux anqas minn sebat elef ewro (Kawtelatorju) fl-ismijiet fuq ċitati (1432/2015 CP) illi in forza tiegħu l-ajruplan Bombardier MSN 9285 bin-numru ta' Reġistrazzjoni 5A-UAB huwa preżentement arrestat fit-territorju Malti.*

*GĦALDAQSTANT, is-soċjeta' rikorrenti titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

a. *Tiddikjara li l-kumpanija intimata Executive Authority for Special Flights hija debitriċi tar-rikorrenti Fly Aviation Services DMCC fl-ammont totali ta' żewġ miljuni, tlett mija u sebgħa u sittin elf, sitt mija u tlieta u tmenin Euro u tmien ċenteżmi [€2,367,683.08] jew somma verjuri, konsistenti f'ammonti dovuti inkwantu għal ħlasijiet dovuti għal servizzi ta' flight coordination, aġenzija, chartering, handling charges, air navigation charges, spejjeż u drittijiet imħallsa lil terzi, provvista ta' fuel u akkomodazzjoni fost l-oħrajn;*

b. *Tikkundanna lill-kumpanija intimata Executive Authority for Special Flights tħallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' żewġ miljuni, tlett mija u sebgħa u sittin elf, sitt mija u tlieta u tmenin Euro u tmien ċenteżmi [€2,367,683.08], jew somma verjuri.*

*Bl-ispejjeżż ġudizzjarji, inkluż dawk tal-mandat f'arrest kawtelatorju ippreżentat nhar l-10 ta' Settembru, 2015 (1432/2015 CP) u bl-imgħaxijiet*

*legali bl-ogħla rata applikabbli ai termini tal-Kap 13 sal-pagament effettiv, kontra s-soċjeta' intimata illi hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-4 ta' Novembru 2015, is-soċjeta' intimata Executive Authority for Special Flights, tramite l-kuratur tagħha Dr Pio M Valletta, irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti eċċezzjonijiet:

    1. *Preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tenut kont il-fatt li l-azzjoni promossa mill-attur nomine ma hijiex ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta għad illi l-partijiet huma t-tnejn ta' nazzjonalita' barranija u mhux Ewropea. Oltre dan l-azzjoni promossa mill-attur nomine ma hijiex azzjoni "in rem" iżda azzjoni "in personam" għad illi ma saritx kontra l-inġenji tal-ajru iżda kontra l-awtorita' estera Executive Authority for Special Flight.*

    2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-Awtorita' konvenuta Executive Authority for Special Flights ma hijiex il-leġittimu kontradittur billi l-prestazzjonijiet u servizzi li tagħhom qiegħed jintalab il-ħlas mis-soċjeta' rikorrenti attriċi ma ġewx ordnati u kkuntrattati minnha kif del resto jirriżulta mill-istess mir-reżokonti (statements) unit mar-rikors ġuramentat u mmarkati Dokumenti FA l u FA 2.*

    3. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-azzjoni għall-ħlas ta' uħud mill-krediti reklamati mis-soċjeta' rikorrenti u li tagħhom qiegħed jintalab il-ħlas huwa perenti għall-bazi u in virtu ta' dispożizzjonijiet ta' paragrafu (f) tal-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili - Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

    4. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi fit-12 ta' Novembru 2015 il-Qorti ordnat illi jinġiebu provi dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat, ossija dwar in-nuqqas ta' kompetenza.

4. Rat l-affidavit ta' **Shaker Own**, General Manager tas-soċjeta' intimata ippreżentat mill-intimat kuratur fit-12 ta' Mejju 2016. (fol 32)

5. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Dr Nicholas Valenzia** ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2016. (fol 56)

6. Rat l-affidavit ta' **George Kinji**, Manager tas-soċjeta' Fly Aviation, ippreżentat mir-rikorrent fit-23 ta' Novembru 2016. (fol 73)

7. Rat illi fit-28 ta' Novembru 2017, il-Qorti tat sentenza preliminari fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti. (fol 105)

8. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentati mir-rikorrenti, ossija statements ta' l-ammonti dovuti.

9. Rat l-affidavit ulterjuri ta' George Kinji ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2018, (fol 143)

10. Rat illi fit-13 ta' Ġunju 2018 ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

11. Rat illi fis-27 ta' Novembru 2018 l-intimat nomine iddikjara illi ma kellux provi x'jippreżenta.

12. Rat illi dina l-Qorti, kif ppresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ fis-7 ta' Ottubru 2019, fejn il-partijiet għarrfu lill-Qorti illi riedu jagħmlu sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub.

13. Rat is-sottomissjonijet tar-rikorrent nomine ippreżentati fit-30 ta' Ottubru 2019.

14. Rat is-sottomissjonijet ta' l-intimat nomine ippreżentati fil-11 ta' Diċembru 2019.

15. Rat illi, minħabba fl-egħluq tal-Qorti in vista tal-pandemija Covid-19, il-Qorti ma setgħetx tagħti s-sentenza qabel illum.

## Fatti

16. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti, illi permezz ta' ftehim datat 24 ta' Novembru 2011, is-soċjeta' Fly Aviation Services daħlet fi ftehim mas-soċjetà United Aviation sabiex tipprovdi serje ta' servizzi relatati ma' "*Provision of Aviation Services*", li kienu jinkludu s-segwenti:

    a. *Over-flight and Landing Permit Requests*
    b. *FLY ground handling services, FLY representation services*
    c. *FLY Flight Planning and weather services*
    d. *Provision of catering, hotel and transportation arrangements*
    e. *Fuel*
    f. *Other services*

17. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata United Aviation Company kienet kumpanija Libjana.

18. Jirriżulta illi permezz ta' Risoluzzjoni 28/2014 maħruġ mill-"***Libyan Interim Government, Prime Minister's Office, Council of Ministers***" fl-20 ta' Jannar 2014 ġie deċiż illi s-soċjeta' United Aviation tiġi xolta u l-assi u l-bilanci kollha ta' l-istess soċjetà ġew trasferiti lil Executive Authority for Special Flights. (fol 74)

19. Jirriżulta illi s-soċjeta' Executive Authority for Special Flights hija kumpanija tal-Gvern Libjan, oriġinalment stabbilita' fis-sena 1990 bħala Libyan Arab Cargo u taħt ir-responsabbilta' tal-Ministeru tat-Trasport. Fis-sena 1994 tali kumpanija kellha isimha mibdul għal dak odjern u tqiegħdet taħt ir-responsabbilta' tal-Ministeru tad-Difiża u, eventwalment, fis-sena 2013, tqiegħdet taħt l-Awtorita' tal-Kunsill tal-Ministri Libjana.

20. Jirriżulta illi s-soċjeta’ Fly Aviation Services DMCC kienet topera żewġ kontijiet mas-soċjeta’ United Aviation, wieħed imsemmi ‘Tombouctou Aviation’ u ieħor imsemmi ‘United Aviation Libya’.

21. Jirriżulta illi għal dak illi jirrigwarda l-kont ‘Tombouctou Aviation’, is-servizz minnhom reż sar bejn it-8 ta’ Diċembru 2010 u id-19 ta’ Jannar 2012, u l-ammont dovut għal tali servizz kien jammonta għal €632,167.47. (fol 139)

22. Jirriżulta wkoll illi ġo l-istatement ippreżentat b’konnessjoni dwar tali kont, is-soċjeta’ rikorrenti żiedet ukoll imgħax bir-rata ta’ ħames fil-mija.

23. Jirriżulta illi għal dak illi jirrigwarda l-kont ‘United Aviation Libya’, is-servizz minnhom reż sar bejn il-31 ta’ Jannar 2011 u l-20 ta’ Frar 2013, u l-ammont dovut għal tali servizz kien jammonta għal €1,239,977.99. (fol 134)

24. Jirriżulta wkoll illi ġo l-istatement ippreżentat b’konnessjoni dwar tali kont, is-soċjeta’ rikorrenti żiedet ukoll imgħax bir-rata ta’ ħames fil-mija.

25. Jirriżulta illi t-total ta’ servizzi reżi allura jammonta għal miljun, tmien mija u tnejn u sebgħin elf, mija u ħamsa u erbghin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€1,872,145.46).

26. Jirriżulta illi, għal tali servizzi, ma sar ebda ħlas.

27. Jirriżulta illi, permezz ta’ Mandat ta’ Arrest ta’ Inġenji tal-Ajru Nru 1432/15, ajruplan Bombardier MSN 9285 bin-numru ta’ reġistrazzjoni 5A-UAB, propjetà tal-Executive Authority for Special Flights ġie miżmum ġewwa Malta mir-rikorrenti.

## Difiża

28. Jirriżulta illi fid-difiża mqajjma mill-abbli kuratur li kien qiegħed jidher għas-soċjeta’ Executive Authority for Special Flights, huwa qajjem tlett difiżi:

    a. L-azzjoni odjerna ma hijiex ta’ ġuridisizzjoni ta’ dina l-Qorti.
    b. Is-soċjeta’ Executive Authority for Special Flights ma hijiex il-leġittimu kontradittur;
    c. Uħud mill-krediti huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

- **<u>Nuqqas ta’ Ġurisdizzjoni</u>**

29. Jirriżulta illi l-ewwel difiża mqajjma mill-intimat ġiet deċiża minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fejn il-Qorti ċaħdet tali eċċezzjoni abbażi tal-klawsola 19.2 tal-Ftehim datat 24 ta’ Novembru 2011 jipprovdi illi “*Any dispute arising out of or related to this Agreement shall, except as otherwise provided herein, be*

*submitted to the exclusive jurisdiction of the English courts or, at FLY's sole option ... (b) to the jurisdiction of the courts of the country in which any aircraft or other asset of the Customer is or might be at the instigation of FLY be located*". (fol 66)

30. Jirriżulta, għalhekk, illi dina l-Qorti ma għandhiex bżonn terġa' tqis tali eċċezzjoni.

- **<u>Mhix il-leġittimu kontradittur</u>**

31. Jirriżulta illi t-tieni difiża ta' l-intimat hija illi s-soċjeta' Executive Authority for Special Flights ma hijiex il-leġittimu kontradittur.

32. Jirriżulta illi, a tenur tar-Resoluzzjoni Nru 28 tas-sena 2018 meħuda mill-Kunsill tal-Ministri tal-Gvern Libjan in Interim, "*all the assets and balances shall be transferred to the Executive Authority for Special Flights*"

33. Jirriżulta illi l-istess risoluzzjoni jipprovdi illi "*A committee under the presidency of the Council of Ministers representative and membership of two representative of the Ministry of Finance, Ministry of Transportation, the merged company and the Executive Authority for Special Flights shall be formed to undestand the settlement of the legal, administrative and financial status resulting from the merging of the company within one month at maxmun from starting its works.*" (fol 75)

34. Jirriżulta illi fost l-affarjiet illi kellha tara tali Kumitat kien " *E - Payment of debts of the Company*". (fol 76)

35. Jirriżulta illi tali risoluzzjoni tgħid li "*This resolution shall enter into force at the date of issuance and the executive body shall execute the same.*"

36. Jirriżulta illi r-risoluzzjoni ġiet maħruġa fl-20 ta' Jannar 2014. (fol 78)

37. Jirriżulta ċar illi ma jista' jkun hemm ebda dubju illi d-djun tas-soċjeta' United Aviation ġew issa assunti mis-soċjeta' Executive Authority for Special Flights.

38. Għalhekk, għalkemm huwa minnu illi s-soċjeta' Executive Authority for Special Flights, rappreżentanta fil-proċeduri odjerni mill-kuratur intimat, ma kinetx oriġinalment daħlet fil-ftehim mas-soċjeta' Fly Aviation Services, illi għaliha qed jidher ir-rikorrent nomine, madanakollu, is-soċjeta' Executive Authority for Special Flights assumiet id-djun kollha tas-soċjeta' United Aviation, u dana permezz ta' Risoluzzjoni tal-Gvern Interim Libjan tal-20 ta' Jannar 2014.

39. Għaldaqstant, id-difiża imqajjma mill-intimat kuratur li s-soċjeta' Executive Authority for Special Flights ma hijiex il-leġittimu kontradittur u ma tistax titqies favorevolment, stante illi b'riżoluzzjoni uffiċjali tal-Gvern Libjan, assumiet id-

djun kollha tas-soċjeta' United Aviation, li wara kollox jidher li kienet ukoll soċjetà tal-Gvern Libjan.

- **<u>Uħud mill-krediti huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16.</u>**

40. Jirriżulta illi l-intimat kuratur iqajjem ukoll id-difiża tal-preskrizzjoni kwinkwennali kif stabbilita' fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.

41. L-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 jipprovdi illi l-preskrizzjoni kwinkwennali tapplika għal:

    *L-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

42. Jirriżulta illi s-servizzi reżi u li għalihom qed jintalab il-ħlas bdew fit-<u>8 ta' Diċembru 2010</u> u baqgħu isiru sal-20 ta' Frar 2013.

43. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna nbdiet fit-<u>30 ta' Settembru 2015</u>.

44. Jirriżulta, għalhekk, illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolata entro il-perjodu ta' ħames snin mill-ħruġ ta' l-ewwel invoice, li inħarġet fit-8 ta' Diċembru 2010.

45. Jirriżulta għalhekk illi l-eċċezzjoni ta' l-intimat li uħud mill-invoices huma preskritti ma tistax tintlaqa' favorevolment minn dina l-Qorti.

46. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi fl-istatements eżebiti mir-rikorrenti kif ukoll l-ammonti indikati fir-rikors promotur, jidher illi hemm inkluż kemm l-import ta' l-invoices kif ukoll imgħax minnhom kalkolat – tali imgħax ma huwiex ser jiġi kkunsidrat mill-Qorti għall-fini tad-deċiżjoni tagħha, mingħajr preġudizzju għad-dritt tar-rikorrent illi eventwalment jitlob il-ħlas ta' imgħax fl-eżekuzzjoni tas-sentenza odjerna.

**Konklużjoni:**

**Il-Qorti:**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi rat li l-ewwel eċċezzjoni ġia' ġiet deċiża minn dina l-Qorti fit-28 ta' Novembru 2017 u għalhekk ma hemmx bżonn illi tiġi kkunsidrata ulterjorment.

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi dana il-kaz billi,

Tiċħad it-tieni u tielet eċċezzjoni ta' l-intimat nomine, u għalhekk;

**Tilqa’** t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* kif dedotti, u għalhekk;

**Tiddikjara** li l-kumpanija intimata Executive Authority for Special Flights hija debitriċi tar-rikorrenti Fly Aviation Services DMCC fl-ammont totali ta' **miljun, tmien mija u tnejn u sebghin elf, mija u ħamsa u erbgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€1,872,145.46)**, konsistenti f’ammonti dovuti inkwantu għal ħlasijiet dovuti għal servizzi ta' flight coordination, aġenzija, chartering, handling charges, air navigation charges, spejjeż u drittijiet imħallsa lil terzi, provvista ta' fuel u akkomodazzjoni fost l-oħrajn;

**Tikkundanna** lill-kumpanija intimata Executive Authority for Special Flights tħallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' **miljun, tmien mija u tnejn u sebghin elf, mija u ħamsa u erbgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€1,872,145.46).**

**Bl-ispejjeż** ġudizzjarji, inkluż dawk tal-mandat ta’ arrest kawtelatorju ippreżentat nhar l-10 ta' Settembru, 2015 (1432/2015 CP).

**Bl-imgħaxijiet** legali bl-ogħla rata applikabbli ai termini tal-Kap 13, kontra s-soċjeta' intimata, kalkolabbli mid-data tal-invoice sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**